# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT
## DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LLD

### SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 21 TA' FRAR 2002

**Avviz Nru: 199/01DM**

**Middle Sea Insurance Plc, kif surrogati fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Silvano Pullicino u l-istess Silvano Pullicino**

**Vs**

**Joseph Spiteri**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz permezz ta' liema il-kumpanija attrici u l-attur talbu l-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erba mija u erba u sittin lira Maltin (LM464.00), somma dovuta in linea ta' danni ikkagunati minnu fl-incident li sehh fl-21 ta' April 1999 gewwa Hal Qormi, meta l-vettura bin-numru JCY 899 habtet mal-vettura tal-attur bin-numru ANN 176 u ikkagunalha hsara indikata, liema incident sehh unikament b'tort tal-konvenut.**

**Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.**

**Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut permezz ta' liema huwa ecepixxa illi:**

1. **It-talba attrici in quanto diretta kontra eccipjent Joseph Spiteri hi infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-atturi, u ghaldaqstant l-istess eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li huwa ma kienx involut fl-incident mertu ta' l-Avviz u konsegwentement m'huwiex responsabbli ghall-hlas ta' danni pretizi u reklamati mill-atturi.**

2. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Rat in-nota ta' referenzi prezentata mill-konvenut fis-seduta tal-21 ta' Frar 2002 u rat ukoll in-nota tal-konvenut li biha esebixxa kopji tal-istatements dwar il-front to rear collision.**

**Billi l-atturi naqsu li jidhru fis-seduti tal-5 ta' Dicembru 2001 biex igibu l-provi taghhom u naqsu wkoll li jidhru fis-seduta tal-lum u l-konvenut permezz ta' nota tieghu talab li jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju, il-Qorti rat l-Artiklu 199 tal-kap 12, u tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-atturi.**

**Magistrat**

**S. Farrugia**
**Dep/Reg**